**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Jannar, 2017

Rikors Nru : 486/16 AL

AB
vs
CDE

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. **Illi,** l-kontendenti konjugi kkontrattaw iz-zwieg ta' bejniethom fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elf, disgha mija sebgha u disghin (1997) [*Dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala DOKUMENT A*] u miz-zwieg taghhom ma twieldu ebda wlied;

2. **Illi,** huma gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali taghhom skont il-kundizzjonijiet stipulati mid-digriet tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat sitta (6) t'April, tas-sena elfejn

u hdax (2011), [*Dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala DOKUMENT B*];

3. **Illi,** l-imsemmija konjugi kienu nfirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat min-Nutar Dottor Francesca Borg fid-disgha (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011) *(Dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala DOKUMENT C);*

4. **Illi,** jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, illi fir-rigward tal-obbligi tal-hlas tal-manteniment l-esponenti ddekada mid-dritt u l-jedd li jitlob l-manteniment minghand martu filwaqt li martu zammet id-dritt li titlob il-manteniment minghand l-esponent jekk ghal xi raguni fil–futur hija ma tkunx qed tircievi salarju minn impjieg [*Artikolu tmienja (8) ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat* fid-disgha (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011)];

5. **Illi,** ma hemm l-ebda prospetti raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti kif jistqarr fost l-ohrajn l-esponent fl-affidavit tieghu 28 t'Ottubru, 2016 *Dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala DOKUMENT D);*

6. **Illi,** ghalhekk il-kondizzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u, in vista wkoll tal-fatt illi l-konjugi huma diga separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, mhuwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Talab a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta, u wkoll sabiex tigi stabbilita l-ezistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet kontemplati fl-imsemmi Artikolu 66B l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif kontemplat fl-imsemmi Artikolu 66C.[1]

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha tikkonferma illi :

L-intimata taqbel mal-fatti kollha kif esposti fir-rikors tar-rikorrenti zewgha u ma hix toggezzjona ghat-talbiet taghha illi din l-qorti :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u li

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

L-intimata titlob umilment li hija

1. Tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` Navarro u

2. Ma tehilx l-ispejjez ta' dawn il-proceduri u li dawn ghandhom jithallsu kollha mir-rikorrent zewgha.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Novembru 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tilqa' t-talba tal-intimata biex tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe' Navarro u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-azzjoni mehtiega f'dan ir-rigward;

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta' April 2011;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur

tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.